MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2012

Numru. 829/2011

**Kaz. Nru. 829/2011**

**Illum, 22 ta’ Mejju 2012**

**Il-Pulizija
(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**Domenico Savio Spiteri**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra 'l hawn fuq imsemmi Domenico Savio Spiteri, iben John u Josephine neé Sultana, imwieled fit-18 ta' Marzu 1960 u residenti fil-fond numru 69, Triq Tal-Ghajn, Fontana, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' numru 16160(G) li gie akkuzat;

Talli nhar it-28 ta' Novembru 2011 u fil-granet ta' qabel gewwa Triq it-Torri, fix-Xlendi limiti tal-Munxar, Ghawdex, f'hinijiet differenti, rema', tefa', halla, jew xort'ohra jqattar jew iddepozita xi zibel f'xi post pubbliku, triq, bahar jew spazju fil-miftuh li ghalih il-pubbliku ghandu access, liema depozitu u t-thollija ma kienx awtorizzat b'ligi.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija, b'zieda mal-piena ghandha ukoll tordna lill-akkuzat biex inehhi mill-post fejn ikun sar ir-reat il-materjal kollu li dwaru jkun instab hati fi zmien li jigi stabbilit mill-Qorti, u li fin-nuqqas tat-tharis ta' dik l-ordni dak il-materjal jitnehha mill-Kunsill Lokali tal-lokalita' fejn ikun twettaq ir-reat bi spejjez ta' min jaghmel ir-reat u dan b'applikazzjoni tal-Art. 14(1) L.S.504.67.

Rat id-dokumenti esebiti ;

Rat l-Artikoli ndikati ;

Semghet il-provi ;

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputazzjoni fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata. Fir-rigward ta' piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni, fost l-ohrajn, in-natura tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat u kif ukoll id-dikjarazzjoni tal-Ufficjal Prosekutur fis-seduta tallum fejn huwa ddikjara li t-tankijiet relatati mal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat gew imnehhija.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Regolament 4 tal-Legislazzjoni Sussidarja 504.67 tal-Ligijiet ta' Malta, issib

lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ammenda ta' sittin ewro (€ 60.00).

In vista tad-dikjarazzjoni tal-Ufficjal Prosekutur fis-seduta tallum, il-Qorti ma tilqghax it-talba tal-Prosekuzzjoni biex l-imputat inehhi il-materjal msemmi fl-imputazzjoni, peress li dan tnehha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------